

# Dritt tal-pensjoni u benefiċċji tal-maternità għal Persuni li jaħdmu għal rashom

Il-persuni li jaħdmu għal rashom u l-imsieħba tagħhom se jgawdu minn protezzjoni soċjali aħjar. Dawn issa ser jibdew igawdu mid-dritt għall-*leave* tal-maternità permezz ta' leġiżlazzjoni ġdida tal-Unjoni Ewropea li daħħlet fis-seħħ fl-4 ta' Awwissu li għadda. Din il-liġi l-ġdida, b'mod partikolari, ittejjeb id-drittijiet ta' protezzjoni soċjali ta' miljuni ta' nisa fis-suq tax-xogħol.

Il-Kummissarju Ewropew responsabbli għall-ġustizzja, id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza, Viviane Reding, stqarret li "permezz tad-dħul ta' din il-liġi l-ġdida, l-Ewropa se tieħu pass importanti 'l quddiem f'termini ta' żieda fil-protezzjoni soċjali u ta' għoti ta' drittijiet ekonomiċi u soċjali ndaqs għall-irġiel u n-nisa li jaħdmu għal rashom u l-imsieħba tagħhom".

Din id-Direttiva ssaħħaħ il-protezzjoni tan-nisa li jaħdmu għal rashom u tal-konjugi li jgħinuhom jew tal-imsieħba tagħhom partikolarment f'każ ta' maternità.

Dawn jingħataw benefiċċju tal-maternità kif ukoll *leave* ta' mill-anqas 14-il ġimgħa jekk dawn jagħżlu li jieħduh.

Fil-livell tal-Unjoni Ewropea din hija l-ewwel darba li qed jingħata l-benefiċċju tal-maternità lill-persuni li jaħdmu għal rashom.

Persuni li jaħdmu għal rashom issa se jkollhom id-dritt għall-kopertura tas-sigurtà soċjali bħal pereżempju pensjonijiet.

L-Istati Membri għandhom sentejn żmien biex jontroduċu d-Direttiva fil-liġijiet nazzjonali tagħhom.

MEU SAC Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt

Avviż bi ħlas